

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/238

tad-19 ta' Frar 2016

li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 579/2014 li jagħti deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-trasport taż-żjut u x-xaħmijiet likwidi bil-baħar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 579/2014 ⁽²⁾ jagħti deroga mill-punt 4 tal-Kapitolu IV tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 fir-rigward tat-trasport taż-żjut u tax-xaħmijiet likwidi ("żjut jew xaħmijiet") bil-baħar, maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew li x'aktarx jintużaw għal dak l-iskop, taħt ċerti kundizzjonijiet.
- (2) Dawk il-kundizzjonijiet jirrigwardaw it-tagħmir u l-prattiki tat-trasport bil-baħar kif ukoll il-kriterji dwar is-sustanzi li jridu jiġu ttrasportati f'bastiment tal-baħar bħala merkanzija preċedenti. Is-sustanzi li jissodisfaw dawk il-kriterji huma mniżżla fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 579/2014 (il-lista tal-merkanzija preċedenti aċċettabbli).
- (3) Fil-lista tal-merkanzija preċedenti aċċettabbli, l-entrata magħquda għal "soluzzjoni ta' nitrat tal-ammonju u soluzzjoni ta' nitrat tal-kalċju (CN-9) u l-melħ doppju tagħhom" ma tiddekrivix il-merkanzija b'mod adegwat u dan johlq konfużjoni għall-kerreġja tal-bastimenti. Għalhekk, il-lista tal-merkanzija preċedenti aċċettabbli għandha tiġi emendata sabiex tirrifletti l-forom l-oħra li fihom in-nitrat tal-kalċju, fosthom in-nitrat ammoniku tal-kalċju, in-nitrat tal-kalċju (II) deidrat u n-nitrat tal-kalċju tetraidrat. Dawn il-forom kollha għandhom profili identiċi ta' periklu u jvarjaw biss fl-ammont ta' ilma kristallin li jkun fihom il-molekuli.
- (4) Il-Bord Xjentifiku dwar il-Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, fit-68 plenarja ⁽³⁾ tiegħu kkonferma li dawn il-forom differenti ta' soluzzjonijiet ta' nitrat tal-kalċju jvarjaw biss fl-għadd ta' idratazzjoni u kkonkluda li l-preżenza tagħhom ma jkollha l-ebda impatt fuq il-proprietajiet tossikoloġiċi u fuq ir-reattività kimika meta mqabbla mas-sustanzi mniżżla oriġinarjament fl-entrata magħquda.
- (5) Għalhekk, huwa xieraq li l-lista tal-merkanzija preċedenti aċċettabbli fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 579/2014 tiġi emendata.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

⁽¹⁾ ĠUL 139, 30.4.2004, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 579/2014 tad-28 ta' Mejju 2014 li jagħti deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-trasport taż-żjut u x-xaħmijiet likwidi bil-baħar (ĠUL 160, 29.5.2014, p. 14).

⁽³⁾ Il-minuti tad-68 laqgħa plenarja tal-Bord Xjentifiku dwar il-Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel (EFSA/CONTAM/2330) huma disponibbli fuq <http://www.efsa.europa.eu/en/events/event/141125b-m.pdf>

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 579/2014 huwa emendat skont kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Frar 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 579/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fit-12-il ringiela, l-entrata magħquda ta' "soluzzjoni ta' nitrat tal-ammonju u soluzzjoni ta' nitrat tal-kalċju (CN-9) u l-melħ doppju tagħhom" hija sostitwita b'dawn l-entrati separati li ġejjin:

"Soluzzjoni ta' nitrat tal-ammonju	6484-52-2
Nitrat ammoniku tal-kalċju	15245-12-2"

- (2) L-entrati li ġejjin jiddaħħlu taħt it-13-il ringiela (l-entrata ta' "soluzzjoni ta' klorur tal-kalċju"):

"Nitrat tal-kalċju	10124-37-5
Nitrat tal-kalċju (II) deidrat	35054-52-5
Nitrat tal-kalċju tetraidrat	13477-34-4"